



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2014
COM(2014) 233 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-isforzi tal-Istati Membrii matul l-2012 biex jintlaħaq bilanċ sostenibbli bejn il-
kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-isforzi tal-Istati Membri matul l-2012 biex jintlaħaq bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd

1. INTRODUZZJONI

L-Istati Membri huma responsabbli biex jintlaħaq bilanċ stabbli u dejjiemi bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom, u biex jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw dan il-bilanċ. Dan kien rekwiżit skont il-Politika Komuni tas-Sajd¹ mill-2002 u jitkompla fis-CFP il-ġdida² kif adottat f'Diċembru 2013. Dan il-bilanċ jikkontribwixxi għall-għanijiet tas-CFP, b'mod partikolari fil-kisba ta' MSY sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd huma ambjentalment sostenibbli fit-tul ta' żmien u b'konsistenza mal-ilħuq ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg.

Dan ir-rapport huwa msejjes fuq ir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-isforzi tagħhom biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd L-Istati Membri mistennija li japplikaw il-linji gwida tal-Kummissjoni³ meta jħejju r-rapporti tagħhom. Id-dejta miġbura taħt il-Qafas għall-Ġbir tad-Dejta⁴ (DCF) hija użata wkoll (l-Anness I). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvalut r-rapporti tal-Istati Membri⁵.

L-analiżi tal-kapaċità tal-flotta tal-Istati Membri turi xi progress sabiex jintlaħaq bilanċ mal-opportunitajiet disponibbli tas-sajd, għalkemm għad fadal aktar xi jsir biex jiġi żgurat li l-istokkijiet huma ġestiti skont l-għan tal-MSY.

Fir-rapport tagħha dwar l-isforzi tal-Istati Membri matul l-2011 fuq il-kisba tal-bilanċ, il-Kummissjoni introduċiet sett ta' elementi għat-titjib tal-analiżi tal-bilanċ. F'dak ir-rapport ġew elenkati serje ta' indikaturi dwar l-operat sostenibbli u vijabbli tal-flotot tas-sajd⁶, bħal jekk il-flotot:

- jistrieħ fuq ħażniet mistada 'l fuq mil-livelli tal-MSY

- humiex qed jiġbru dak li nefqu

¹ L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2371/2002.

² Ara l-Art. 22 § 1 tal-Parlament u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1380/2013.

³ Ara l-linji gwida għal analiżi mtejbja tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd, Verżjoni tal-1 ta' Marzu 2008.

⁴ Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data [dejta] fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, L 60/01, 05/03/2008, p.1.

⁵ Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) assessment of balance indicators for key fleet segments and review of national reports on Member States efforts to achieve balance between fleet capacity and fishing opportunities (STECF-13-28), disponibbli fuq il-websajt <http://stecf.jrc.ec.europa.eu/reports/balance>.

⁶ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-isforzi tal-Istati Membri matul l-2011 biex jiksibu bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd, COM(2103) 85 finali tat-18 ta' Frar 2012, Kapitolu 3.

- humiex ekonomikament sostenibbli
- humiex użati biżżejjed
- humiex attivi

Dawn l-indikaturi huma għal darb'oħra użati għal dan ir-rapport. Barra minn hekk, ġie miżjud indikatur ta' stokkijiet f'riskju bijoloġiku għoli li huma affettwati minn taqsima ta' flotta minħabba tħassib li dan l-aspett kien traskurat.

LIMITI MASSIMI TA' KAPAĊITÀ

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-kapaċità tas-sajd tiegħu f'tunnellaġġ (GT) u f'potenza (KW) tkun dejjem ugwali jew inqas mil-limiti massimi tal-kapaċità u l-potenza stabbiliti fir-Regolament Nru 1380/2013⁷. L-entrati kurrenti tar-reġistru tal-flotta tal-UE jindikaw li l-Istati Membri kollha kkonformaw ma' dawn il-livelli. B'mod ġenerali, il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tal-UE kienet ta' 16.4 % inqas mill-massimu tal-kapaċità għat-tunnellaġġ u 10.4 % taħt il-potenza massima (l-Anness 2).

Skont ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-UE, fil-31 ta' Diċembru 2012, il-flott kienet tikkonsisti f'76 023 bastiment b'kapaċità totali tas-sajd ta' 1 578 015 GT u 5 807 827 KW. Il-flotot naqqsu b'1.6 % f'dak li hu għadd ta' bastimenti filwaqt li t-tunnellegġ u l-potenza tal-makni tnaqqset b'2% u 1% rispettivament (inklużi l-bastimenti rreġistrati fir-reġjuni l-aktar imbiegħda (l-Anness 3)).

Fl-2012 id-dekommissjonar bl-għajnuna pubblika kien l-aktar għodd ta' ġestjoni użata biex titnaqqas il-kapaċità tas-sajd (l-Anness 4). Mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Lulju 2012, ġew allokati EUR 464 miljun fi ħlasijiet tal-FES għal ekwivalenti ta' ~3700 bastiment tas-sajd li waqfu (l-Anness 5).

IL-KOMPLETEZZA U L-KWALITÀ TAR-RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI U L-INDIKATORI TAL-KAPAĊITÀ

Ir-rapporti tat-22 Stati Membru lkoll waslu għand il-Kummissjoni. B'mod ġenerali, STECF osservat li hemm titjib kontinwu fil-konsistenza, il-kompletezza u l-kwalità tar-rapporti mqabbla ma' dawk ta' snin preċedenti (l-Annessi 1A u 1B). Aktar Stati Membri qed jużaw il-Linji gwida tal-Kummissjoni għall-analiżi, għalkemm għad hemm xi wħud li għadhom mhux qegħdin jużaw dawn il-Linji gwida.

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ikkalkula, skont l-istruzzjonijiet ta' STECF, l-indikaturi tekniċi, ekonomiċi u bijoloġiċi rilevanti għall-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd imsejsa fuq dejta sottomessa mill-Istati Membri skont id-DCF (l-Anness 6). L-analiżi tinkludi 434 taqsima tal-flotta fejn id-dejta għal mill-inqas indikatur wiehied hija disponibbli. Dawn ikopru 97% tal-valur rapportat tal-ħatt l-art li sar fl-2011. L-STECF ipprovdiet gwida dwar l-interpretazzjoni ta' dawn il-valuri indikattivi msejsa fuq id-DCF, li ġiet segwita mill-Kummissjoni f'dan ir-rapport.

⁷ Ara l-Anness II tar-Regolament Nru 1380/2013 dwar il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, L 354/22, 28/12/2013, p. 58.

IL-KAPAĊITÀ TAL-FLOTTA SKONT L-ISTATI MEMBRI

Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-flotta skont l-Istati Membri, abbażi tar-rapport tal-Istati Membri u l-konklużjonijiet tal-STEFC imsejja fuq id-dejta tad-DCF.

Il-Belġju rrapporta li l-kapaċità tal-flotta tiegħu naqset mill-2003 b'30 % f'KW u 38% f'termini ta' GT.. Il-kapaċità tal-flotta tidher li hija b'bilanċjata adegwatament mal-opportunitajiet tas-sajd. Ftit hemm kapaċità mhux użata u ftit hemm opportunitajiet tas-sajd mhux użati.

L-analiżi tal-STEFC tindika li l-bastimenti tas-sajd tat-tkarkir bit-travu, tat-tkarkir demersali u tas-sajd bit-tartarun ta' 18-40 m kienu dipendenti fuq stokkijiet ta' ħut mistada 'l fuq mil-livelli tal-MSY. Il-bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' 24-40 m kellhom impatt fuq żewġ stokkijiet li jinsabu f'riskju bijoloġiku. Il-bastimenti tat-tkarkir demersali u daww demersal bit-tartarun 18-24 m u l-bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' 12-18 m ma kinux ekonomikament sostenibbli fl- 2011.

Il-Bulgarija rrapportat li mill-adeżjoni 'l hawn il-flotta tas-sajd naqqset fin-numru (-7 %), f'tunnellaġġ (-14 %) u f'termini ta' potenza (-6 %). L-utilizzazzjoni tal-kapaċità, li hija notevolment baxxa għall-bastimenti taħt it-12 m, tgiebet fl- 2012 fis-setturi kollha. L-attività tal-bastiment individwali żdiedet b'220% globalment.

L-awtorità nazzjonali diġà ħadet miżuri biex tnaqqas l-għadd ta' bastimenti inattivi u tinsab fil-proċess li tirtirahom mir-reġistru nazzjonali.

Il-bastimenti iżgħar (taħt it-12 m) kienu ekonomikament mhux profittabbli; huwa intiż li jtkompla l-irtirar ta' bastimenti b'hal dawn u li dawn jiġu sostitwiti b'bastimenti akbar li jistadu ħut pelagiġiku.

Il-Bulgarija tikkonkludi li l-kapaċità tal-flotta tagħha hija pjuttost eċċessiva f'dak li huwa bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-reviżjoni tal-STEFC ma tindikax li l-bastimenti bix-xbieki fissi u merħija u l-bastimenti li jużaw tagħmir attiv u passiv mhumieks ekonomikament sostenibbli; għad hemm flotta kbira ħafna inattiva (kważi 1200 bastimenti) u l-livelli ta' attività huma baxxi ħafna għat-tagħmir attiv u passiv tal-flotta. Il-valuri ROFTA għall- 2011 jidhru baxxi b'mod anomal. L-indikaturi bijoloġiċi mhumieks disponibbli.

Ċipru mill-2004 naqqas il-kapaċità tal-flotta tiegħu (-65 % f'GT u -20% f'KW). L-utilizzazzjoni tal-bastimenti kienet baxxa (inqas minn 53%) għall-flotot kollha ħlief għall-bastimenti tat-tkarkir demersali f'ibħra internazzjonali. L-analiżi tad-dejta ekonomika għall-2011 ma tlestietx iżda id-dejta għall-2010 wriet kapitalizzazzjoni żejda.

Il-flotta ta' "bastimenti tat-tkarkir demersali f'ibħra territorjali" naqset dan l-aħħar u Ċipru ma setgħax iwettaq valutazzjoni sħiħa imma kkonkluda li s-sajd ta' skala żgħira fl-ibħra lokali jidher li hu fi żbilanċ u l-flotta tat-tagħmir passiv polivalenti ta' 12-24 m tista' tkun bejn wiehded u ieħor f'bilanċ.

Ċipru ma pprova l-ebda dejta msejsa fuq id-DCF, u għalhekk mhi disponibbli ebda analiżi tal-STEFC.

Il-Ġermanja rrappurtat xejra ċara 'l isfel fl-għadd ta' bastimenti, minn 2315 bastiment fl-2000 għal 1549 fl-2012. Ir-rata ta' tnaqqis qed tonqos. Fi tqabbil mas-sena ta' qabel, il-flotta tas-sajd Ġermaniża tnaqqset f'erba' taqsimiet. Il-flotta tnaqqset b'31 bastiment fl-2012 - tnaqqis fil-kapaċità ta' 598 GT (-0.93 %) u 2.242 KW (-1.51%). It-tluq ta' 16 bastimenti tas-sajd tal-għeżul < 12 m rrappreżentat l-akbar tnaqqis f'termini assoluti. Il-Flotot tat-tkarkir u tat-tkarkir bit-travu (<=40 m) kienu qegħdin jonqsu b'aktar minn 4% kull wieħed.

Il-Ġermanja tikkonkludi li hemm bilanċ bejn il-kapaċità u l-opportunitajiet tas-sajd tagħha, minkejja li minħabba s-sajd part-time xi indikaturi tal-attività huma baxxi. L-indikaturi ekonomiċi huma negattivi, iżda l-Ġermanja tqis li l-ispejjeż attwali tad-deprezzament huma orħos mill-ispejjeż uffiċjali tad-deprezzament u li għalhekk il-kalkolu li l-flotta qiegħda fi żbilanċ ekonomiku fit-tul ta' żmien mhux ġustifikat.

Il-verifika tal-STEFC tindika li ħafna taqsimiet tal-flotta jiddependu fuq l-istokkijiet mistada żżejjed, iżda l-indikaturi bijoloġiċi juru biss impatt fuq stokk f'riskju għall-bastimenti tat-tkarkir demersali u li jistadu bit-tartarun ta' 24-40m. It-tagħmir passiv ta' 10-12m, il-bastimenti tat-tkarkir demersali u bit-tartarun ta' 12-18m u daww tax-xbieki fissi ta' 24-40m u bix-xbieki tat-tkarkir u xbieki tat-tartarun >40m ma jidhrux li huma ekonomikament sostenibbli. Jidher li hemm użu anqas milli maħsub ta' bastimenti taħt it-12-il metru li jużaw tagħmir passiv u tal-flotta tat-tkarkir bit-travu ta' bejn 18-24 m, li hija ħaġa li ma tistax tiġi spjegata mill-istaġjonalità tas-sajd ikkonċernat. Fl-2011, iċ-ċifra korrispondenti kienet ta' 65%.

Id-Danimarka timmaniġġja l-opportunitajiet tas-sajd skont kwoti individwali trasferibbli (ITQ) u l-ishma tal-kwota tal-bastimenti (VQS), li wasslu għal tnaqqis fin-numru ta' bastimenti, f'tunnellaġġ u f'potenza. In-nuqqas ta' utilizzazzjoni tal-bastimentii ma tidherx li kienet preżenti fil-biċċa l-kbira tat-taqsimiet tal-flotta fl-2011, ħlief f'bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' bejn 12-24m, u f'bastimenti tat-tkarkir demersali u bit-tartarun >40 m.

Il-maġġoranza tal-bastimenti ta' <12 miljun kienu b'mod konsistenti f'sitwazzjoni ta' kapitalizzazzjoni ekonomika żejda. Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti l-oħrajn kienu bejn wieħed u ieħor f'sitwazzjoni ta' bilanċ ekonomiku. Mill-2005 sal-2011 ħafna flotot wrew dħul attwali persistentement inqas minn dħul li jibbilanċja l-infiq, u mhuwiex ċar kif dawn il-bastimenti komplew joperaw.

L-indikaturi ekonomiċi u tal-użu tal-bastiment jissuġġerixxu żbilanċ, b'mod partikolari għal bastimenti ta' <12 m fil-Baħar tat-Tramuntana.

Il-bastimenti ta' <10m tat-tkarkir demersali jew bit-tartarun, il-bastimenti ta' 10-12m li jużaw tagħmir passiv polivalenti u daww tat-tkarkir bit-travu ta' 12-18m u ma kinux ekonomikament sostenibbli u kienu jiddependu fuq stokkijiet mistada żżejjed.

Minkejja t-tneħħija ta' kapaċità konsiderevoli fis-snin preċedenti l-**Estonja** rrappurtat żbilanċ, prinċipalment f'bastimenti tat-tkarkir b'tul totali ta' >12m. Matul l- 2012, il-flotta tnaqqset b'erba' (4) bastimenti. Il-potenza u t-tunnellaġġ gross tat-taqsimiet it-tnejn naqsu b'6%. Hemm ħafna (~1300) bastimenti żgħar tas-sajd għall-arini, l-ispnott u l-barbun fl-ibħra lokali, imma s-sitwazzjoni tal-bilanċ ta' dawn il-bastimenti mhix ċara.

L-Estonja ma użatx is-segmentazzjoni tar-reġistru tal-flotta tagħha fir-rapport tagħha. L-Estonja introduċiet sistema tal-ITQ li mistennija twassal għal titjib fil-bilanċ. L-analiżi

ekonomiċi Estonjani kollha juru li l-klassijiet ta' tulijiet kollha kieu qed jistadu b'sostenibbiltà ekonomika mill-2010.

L-analiżi tal-STEFC tindika li l-flotta li tuża tagħmir passiv polivalenti ta' 10-12 m kienet dipendenti fuq stokkijiet ta' ħut mistada 'l fuq mil-livelli tal-MSY.

Il-Greċja ma ppreżentatx valutazzjoni tal-bilanċ u lanqas ma vvalutat il-politika tal-flotta tagħha jew ipprovdiet dejta skont id-DCF. Il-Greċja rrappurtat li l-attivitajiet tas-sajd u s-sitwazzjoni tal-istokkijiet bijoloġiċi ma nbidlux mis-sena ta' qabel. Tqabbil tad-dejta inkluża fir-rapporti tal-2011 u l-2012 juri tnaqqis ta' 632 bastimenti. Bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2012 i-flotta tnaqqset b'3019 bastiment (15.84%) u l-kapaċità naqset b'21.57% u 21.71% rispettivament fir-rigward tat-tunnellaġġ gross (GT) u l-potenza tal-magna (KW).

Il-Greċja ma ssottomettietx dejta tad-DCF u għalhekk l-indikaturi korrispondenti ma setgħux jiġu kkalkulati u vvalutati mill-STEFC u l-JRC.

Spanja kompliet tnaqqas il-kapaċità tas-sajd fl-2012. Kien hemm 429 tneħħija permanenti mir-reġistru fl- 2012, li minnhom 147 irċewew għajnuna mill-Istat. Fl-2012 xi 85 % tal-flotta kienet attiva. Spanja tqis li hemm xi żbilanċ f'flotot fuq skala żgħira li jistadu f'ilmijiet kostali nazzjonali (1280 bastiment inattiv), iżda l-flotta tas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali (32 bastimenti inattivi) hija f'bilanċ jew għandha kapaċitajiet anqas milli meħtieġa għall-opportunitajiet ta' sajd disponibbli.

L-analiżi tal-STEFC ma tindikax li l-unika informazzjoni tad-DCF disponibbli minn Spanja kienet dejta ekonomika għall-2011. Dan wera sitwazzjoni diversa b'ħafna flotot f'sitwazzjoni ekonomika negattiva, xi kultant f'sitwazzjoni pożittiva, u xi flotot f'kundizzjoni intermedjarja.

Il-flotta tal-**Finlandja** tnaqqset b'mod stabbli bejn l-1995 u l- 2012. Fl-2012 kien hemm żieda fit-tunnellaġġ (prinċipalment it-taqsima tas-sajd offshore), iżda tnaqqis fil-potenza tal-magni. Il-Finlandja tqis li l-flotta tagħha tinsab f'bilanċ aċċettabbli mal-opportunitajiet tas-sajd. Il-Finlandja ma applikatx il-linji gwida tal-STEFC fir-rapport tagħha u lanqas ma inkludiet xi indikaturi oħrajn sabiex tivvaluta l-kapaċità fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd.

L-STEFC ma sabitx xejriet ċari fl-indikaturi ekonomiċi. L-indikatur tekniku juri effett baxx jew baxx ħafna ta' utilizzazzjoni medja tal-bastimenti. L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux disponibbli.

Franza hija tal-fehma li, għall-biċċa l-kbira tas-sajd tagħha, il-flotot huma stabbli u f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd. Dan inkiseb wara bosta snin suċċessivi ta' adattament tal-flotot. Ħafna bastimenti huma mmirati lejn speċijiet li fuqhom m'hemm l-ebda kwota li għalihom ma hemm disponibbli ebda valutazzjonijiet bijoloġiċi, u la l-indikaturi bijoloġiċi u lanqas l-indikatur tekniku ma setgħu jiġu kkalkulati. Franza ddekommissjonati 192 bastiment fl-2012, li minnhom 74 kienu f'territorji barranin. Mill-192 bastiment, 46 ġew ddekommissjonati b'fondi pubbliċi (sitta (6) minn dawn fil-Gujana).

L-ebda indikaturi bijoloġiċi ma kienu disponibbli għall-biċċa l-kbira tal-flotot fil-Mediterran. Fl-Atlantiku, il-biċċa l-kbira tal-flotot wrew dipendenza fuq stokkijiet mistada żżejjed, bl-eċċezzjoni ta' bastimenti tas-sajd bit-tkarkir għall-ħut pelaġiku ta' >40m. It-dejta ekonomika kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, mhux disponibbli jew inkonklussiva.

L-Irlanda rrappurtat li f'paragun mas-sena ta' qabel il-kapaċità tas-sajd żdiedet b'1.29 % fil-GT u 2.25% fil-KW iżda l-flotta tagħha baqgħet taħt il-livell ta' referenza. L-indikaturi ekonomiċi jissuġġerixxu li l-flotot tejbju l-prestazzjoni ekonomika f'dawn l-aħħar snin, u issa huma profittabbli f'perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul, u mhumiex ikkapitalizzati żżejjed.

L-analiżi tal-STECEF indikat li l-flotta tas-sajd bil-konz (10-18m), il-flotta tat-tkarkir demersali u l-bastimenti bit-tartaruni >18m u tat-tkarkir pelaġiku >24m iddependew fuq stokkijiet mistada żżejjed u kellhom impatt fuq sa sitt (6) stokkijiet f'riskju bijoloġiku. L-indikatur tekniku juri utilizzazzjoni baxxa tal-bastimenti. Hemm ħafna bastimenti inattivi (13% sa 40%).

L-Italja rrappurtat li matul l-2012 il-flotta tagħha tnaqqset b'2.23% fin-numru u l-kapaċità tnaqqset b'5.8% fil-GT u 3.5 fil-KW. L-Italja ma applikatx il-linji gwida fir-rapport tahha u lanqas ma ġew inklużi kwalunkwe indikaturi oħrajn inklużi biex tiġi evalwata l-kapaċità fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba nuqqas ta' dejta, l-Italja ma setgħetx tivvalutaw il-bilanċ tal-flotot tagħha.

L-analiżi tal-STECEF tindika li l-bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' bejn 12-24m, il-bastimenti tat-tkarkir demersali u l-bastimenti bit-tartarun ta' 24-40m u l-bastimenti tas-sajd bit-tartarun ta' >40m ma kinux ekonomikament sostenibbli, iżda ħafna flotot oħra wrew profittabbiltà tajba. L-indikaturi tal-utilizzazzjoni tal-bastimenti jindikaw sitwazzjonijiet ta' żbilanċ. L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux disponibbli f'ħafna każijiet. Fejn disponibbli, dawn urew sajd żejjed.

Il-flotta tal-**Litwanja** tal-flotta tnaqqset b'tliet (3) bastiment fl-2012. Il-kapaċità niżlet b'18025 GT (55%) u 19982 KW (53,9)%. Il-flotot jisfruttaw stokkijiet li mhumiex suġġetti għal sajd żejjed u li huma bbilanċjati fir-rigward tal-istokkijiet tal-merluzz Baltiku tal-lvant, l-aringi u l-laċċa l-kaħla. Fl-2011 il-flotot ġeneralment kienu profittabbli.

L-analiżi tal-STECEF tindika utilizzazzjoni baxxa għall-flotot kollha minbarra l-bastiment tat-tkarkir pelaġiku ta' 24-40m. Il-bastimenti tat-tkarkir pelaġiku ta' >40m kellhom impatt fuq stokk wieħed li jinsab f'riskju bijoloġiku.

Il-Latvja naqqset il-kapaċità tagħha b'20 % fin-numru, 24% fil-GT u 31% fil-KW mill- 2004. Il-Latvja tqis li l-indikaturi tal-użu tal-kapaċità għat-taqsimiet kollha tal-flotta ma juru l-ebda żbilanċ sinifikanti tas-sajd u li jħallu qligħ.

L-analiżi tal-STECEF ma tindikax dipendenza fuq stokkijiet mistada żżejjed mill-flotta b'tagħmir passiv polivalenti ta' <10m u l-bastimenti tat-tkarkir pelaġiku ta' 12-18m. Dawn il-flotot għandhom ukoll utilizzazzjoni baxxa.

Malta rrappurtat riżultati mhux sodisfaċenti għall-flotta tagħha fl- 2011. Għall-2012 ma nkiseb l-ebda riżultat konklużiv minħabba n-nuqqas ta' dejta ekonomika u soċjali. L-awtoritajiet Maltin qegħdin attwalment jivverifikaw l-eżattezza tal-informazzjoni tar-reġistru tal-flotta.

L-analiżi tal-STECEF tindika li l-bieċa l-kbira tal-flotot fejn kien hemm dejta disponibbli kienu ekonomikament sostenibbli, għajr il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun ta' 12-18m u l-flotta

b“irkaptu attiv ieħor” ta' 18-24m. L-utilizzazzjoni tal-bastimenti kienet baxxa għall-flotot kollha. L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux ġeneralment disponibbli.

Il-Pajjiżi l-Baxxi rrapportaw li l-kapaċità tal-flotta hija approssimament f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd tagħha u li l-indikaturi bijoloġiċi jissuperixxu li s-sajd tagħha ma jisfruttax stokkijiet li mhumiex mistada żżejjed. L-indikaturi ekonomiċi jissuġġerixxu li l-flotta pelaġika tal-Pajjiżi l-Baxxi ma tħallix qligħ. Il-flotta demersali ta' aktar minn 24m kienet profitabbli u l-profittabbiltà tagħha tjebet.

L-analiżi tal-STEFC turi li għall-flotot fejn l-indikaturi bijoloġiċi kollha kienu disponibbli, il-flotot iddependew bħala medja fuq stokkijiet mistada żżejjed. Il-bastimenti tat-tkarkir pelaġiku akbar minn 40m u l-bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' 18-24m dehru li mhumiex ekonomikament sostenibbli, iżda flotot oħra wrew riżultati tajbin.

Il-Polonja rrapportat li tmien (8) bastimenti (250GT u 980KW) ħallew il-flotta fl-2012. Il-Polonja ma tistax tiddetermina jekk inkisibx bilanċ. Il-Polonja tqis li l-flotot kollha tagħha kienu ekonomikament sostenibbli minbarra l-flotta tal-konz ta' 12-18m.

L-analiċi tal-STEFC tindika li l-bastimenti li jużaw is-snanar ta' 12-18m mhumiex ekonomikament profittabbli. Il-flotot kollha kellhom livell baxx ta' utilizzazzjoni minbarra dik tat-tkarkir demersali u bit-tartarun ta' >40m u dik tat-tkarkir pelaġiku ta' >40m. L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux disponibbli.

Il-Portugall ikkonkluda li l-kapaċità tal-flotta tiegħu hija f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd tagħha. Madankollu, l-indikaturi tekniċi għall-flotot tas-sajd bit-tartarun urew utilizzazzjoni tal-bastimenti elattivament baxxa.

L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. L-analiżi tal-STEFC tindika li l-bastimenti tal-konz ta' taħt it-12m, id-dreġers ta' <12m u l-bastimenti li jużaw tagħmir attiv u passiv ta' 10-12m mhumiex ekonomikament profittabbli. Ħafna flotot kellhom rati ta' utilizzazzjoni baxxa.

Ir-Rumanija rrapportat utilizzazzjoni baxxa ħafna tal-bastimenti u dipendenza fuq stokkijiet mistada żżejjed.

Hija disponibbli biss dejta bijoloġika u ekonomika limitata. L-STEFC ikkonkluda li hemm rati ta' utilizzazzjoni tal-bastimenti baxxi.

L-Isvezja rrapportat tnaqqis ta' 12% fl-għadd ta' bastimenti mill- 2008 sal-2012. Il-flotot jiddependu fuq stokkijiet li huma maħsuda b'mod sostenibbli, u jidhru ekonomikament sostenibbli. Ċertu żbilanċ jista' jiġi nnotat f'xi taqsimiet.

L-STEFC vvalutat li l-bastimenti b'xbiek fiss ta' taħt it-18m ma kinux ekonomikament sostenibbli. Disa' flotot iddependew fuq stokkijiet mistada żżejjed iżda l-indikatur dwar l-istokkijiet f'riskju ma kienx disponibbli. Id-disponibbiltà tad-dejta kienet insuffiċjenti għal ħafna flotot.

Is-Slovenja rrapportat utilizzazzjoni tal-bastimenti baxxa f'ħafna taqsimiet, u dan qed jiġi attribwit għal dipendenza fuq stokkijiet migratorji u x-xogħol part-time aktar milli għal xi żbilanċ. Fl-2012, il-flotta Slovena tnaqqset b'35% fil-GT u 16,83% fil-KW. Il-ħatt l-art totali

tnaqqas minn 54% bejn l-2011 u l-2012. Il-bastimenti bix-xbieki fissi jew merħija ta' <6m ma kienux sostenibbli ekonomikament, imma t-taqsimiet l-oħra dehru li huma sostenibbli.

L-STECEF vvalutat li l-flotta bix-xbieki fissi demersali ta' <12m u dawk tat-tkarkir pelaġiku ta' 24-40m kienu ekonomikament bla profitt, iżda dik tas-sajd bit-tartarun ta' 12-18m kienet trendi u sostenibbli. Ir-rati tal-utilizzazzjoni tal-bastimenti kienu baxxi. L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux disponibbli.

Ir-Renju Unit irrapporta żieda fil-kapaċità għal bastimenti li jistadu l-frott tal-baħar (speċjalment l-arzell), filwaqt li kien hemm ġeneralment tnaqqis fil-kapaċità tal-flotot b'xbieki tat-tkarkir demersali. Ir-Renju Unit ma kkalkulax l-indikaturi u lanqas ħa konklużjonijiet dwar il-bilanċ bejn il-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd tagħha.

L-analiżi tal-STECEF tindika li l-biċċa l-kbira tal-flotot kienu ekonomikament sostenibbli, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti tat-tkarkir bit-travu ta' <10m u ta' 12-18m u l-flotot tas-sajd bil-konz ta' <10m. L-indikaturi bijoloġiċi ma kinux disponibbli fil-parti l-kbira tal-każijiet, iżda l-bastimenti tat-tkarkir demersali u tat-tartarun ta' 18-40m kellhom impatt fuq ħames stokkijiet f'riskju bijoloġiku għoli. Ħafna bastimenti iżgħar (taħt it-18m) urew rata ta' utilizzazzjoni tal-bastimenti baxxa.

Il-flotta tas-sajd bit-tartarun ta' 40m kienet dipendenti fuq stokkijiet mistada 'l fuq mil-livelli tal-MSY.

KONKLUŻJONIJIET

Għalkemm jeħtieġ li jsir iktar, sar xi progress mill-2002 'l hawn biex jitnaqqas id-distakk bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. It-taħlita ta' xejriet differenti fost it-taqsimiet tal-flotot ma jagħmilhiex possibbli li jsiru kummenti ġeneralizzati dwar ix-xejriet fil-bilanċ bejn il-kapaċità u l-opportunità għall-UE kollha.

Għadd ta' stokkijiet huma mistada 'l fuq minn livelli li jikkorrispondu għall-MSY, u għadd ta' taqsimiet tal-flotot huma ekonomikament dipendenti fuq dawn l-istokkijiet. Ħafna Stati Membri għandhom rati baxxi tal-utilizzazzjoni tal-bastimenti. Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat ir-riżultati tal-analiżi tal-STECEF, tikkunsidra li għad hemm bżonn miżuri ta' aġġustament tal-kapaċità tal-flotta attiva mill-Istati Membri biex tiffaċilita l-ksib tal-għan tal-MSY stabbilit taħt il-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida.

L-obbligu tal-Istati Membri li jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom mal-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul iż-żmien huwa miżmum, u rrinforzat skont il-PKS il-ġdida. Minbarra l-obbligi eżistenti, l-Istati Membri se jkollhom jinkludu fir-rapporti tagħhom pjan ta' azzjoni għat-taqsimiet tal-flotta identifikati bi żbilanċ strutturali. Fil-pjan ta' azzjoni, l-Istati Membri jridu jistabbilixxu l-miri ta' aġġustament u l-mezzi biex jinkiseb il-bilanċ. Dan għandu jinkludi wkoll qafas ċar taż-żmien għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

Dan l-obbligu addizzjonali jista' jikkontribwixxi aktar (u aktar malajr) għall-kisba tal-bilanċ. Il-pjanijiet ta' azzjoni se jirriżultaw f'aktar trasparenza fil-miri u l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jirrimedjaw l-iżbilanċ, u l-limitu ta' żmien biex jintlaħaq il-bilanċ jippermetti monitoraġġ mill-qrib tal-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan.

Skont il-PKS il-ġdida nuqqas ippruvat ta' impenn mill-Istati Membri sabiex jiksibu bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd jista' jwassal għal sospensjoni jew interruzzjoni tal-assistenza finanzjarja rilevanti mill-Unjoni lil Stat Membru għal ċerti nefqiet taħt il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd. Ir-rapporti u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri futuri se jkunu strumentali biex jissorveljaw is-sitwazzjoni f'dan il-kuntest.

Il-kombinazzjoni ta' obbligi msaħħa għall-Istati Membri u l-kundizzjonalità finanzjarji relatata għandha tiżgura adattament progressiv il-kapaċità tal-flotta skont l-opportunitajiet tas-sajd matul iż-żmien. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja mill-qrib dan il-progress fid-dawl tal-għanijiet tal-PKS b'mod ġenerali u tal-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd b'mod partikolari.

Anness 1 A: Il-kwalità tal-informazzjoni

Informazzjoni Kwalitattiva u Deskrittiva

It-tabella ta' hawn taħt turi t-taqsimiet tar-rapporti ta' dawk l-Istati Membri li bagħtu informazzjoni limitata. It-taqsimiet rilevanti huma mmarkati b'(X).

	Rabtiet bejn il-flotot u l-attivitajiet tas-sajd	Żvilupp tal-flotta	Deskrizzjoni tal-iskemi ta' tnaqqis tal-isforzi	L-impatt tal-iskemi ta' tnaqqis tal-isforzi	Valutazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-flotot	Pjanijiet sabiex tittejjeb is-sistema ta' ġestjoni tal-flotot	Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-iskema ta' dħul/ħruġ	Bidliet fil-proċeduri amministrattivi	Valutazzjoni tal-bilanċ
DE									X
FI						X			X
IE						X			
IT	X	X	X	X		X		X	X
LT				X		X			
PO					X				
SE						X			
UK									X

Sors: It-Tabella 3.2 tar-rapport STECF-13-11 Analiżi tar-rapporti nazzjonali dwar l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-oportunitajiet tas-sajd.

2. Informazzjoni Kwantitattiva


L-evalwazzjoni tad-dipendenza ta' flotta fuq stokkijiet mistada 'l fuq mil-livelli tal-MSY tiddependi fuq id-disponibbiltà tal-valutazzjonijiet kwantitattivi tal-istokkijiet tal-ħut. Fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, il-kopertura tal-valutazzjonijiet bijoloġiċi għadha mhix biżżejjed f'ħafna każijiet għal analiżi skont il-flotta tas-sostenibbiltà bijoloġika. Dan huwa wkoll il-każ ta' ħafna flotot li jisfruttaw l-istokkijiet fiż-żoni ICES VI, VII, VIII u IX.

L-informazzjoni dwar ir-ritorn minn assi tanġibbli fissi (ROFTA), u dwar il-proporzjon bejn id-dħul kurrenti u d-dħul ta' pariġġ (CR/BER)⁽⁸⁾ kienet nieqsa jew mhux kompluta fil-każ ta' xi Stati Membri. L-informazzjoni dwar l-għadd ta' bastimenti inattivi kienet provduta mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, iżda din l-informazzjoni ma kinitx kompluta.

Il-valuri tal-indikatur tekniku (il-jiem medji tal-bastiment fuq il-baħar diviżi mill-massimu għall-flotta) ġew ipprovduti mill-maġġoranza tal-Istati Membri, iżda din l-informazzjoni ma kinitx kompleta. Kien hemm seba' Stati Membri li ma pprovdewx il-valuri tal-indikatur tekniku fir-rapporti nazzjonali tagħhom.

Annex 1 B: Il-kwalità tal-informazzjoni ⁽⁹⁾

Il-kompletezza u l-kwalità tar-rapporti tal-Istati Membri



L-iżvilupp annwali fis-somma tar-risultati tal-Istati Membri bħala perċentwal tar-risultati massimi.

Sors: It-Figura 3.1 tar-rapport STECF-13-11 Analiżi tar-rapporti nazzjonali dwar l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd.

It-tabella ta' hawn fuq turi li, mill-2008, ir-rapportaġġ tal-flotta annwali tal-Istati Membri tjieb kemm f'termini ta' kompletezza u l-kwalità tad-dejta.

⁸ Id-dħul ta' pariġġ (BER) huwa d-dħul meħtieġ biex tkopri kemm l-ispejjeż fissi kif ukoll daww varjabbli sabiex ma jkun hemm ebda telf u ebda profitti ġenerati. Dħul kurrenti (CR) huwa d-dħul operattiv totali tat-taqsimi tal-flotta, li jikkonsisti minn dħul minn ħatt l-art u dħul mhux tas-sajd. Ara wkoll l-Annex VI.

⁹ L-istima ta' indikaturi tal-bilanċ, fuq p. 85 minn Source Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF).

Anness 2:

Tabella 2.1: L-osservanza mal-limitu massimu tad-dħul-ħruġ fil-31.12. 2012 (Minbarra r-reġjuni l-aktar imbiegħda)

	GT			KW		
	GT	MAX GT	A/B	KW	MAX KW	C/D
	A	B		C	D	
	fil-31/12/2012			fil-31/12/2012		
BEL	15 053	18 962	79.39 %	47 794	51 586	92.65 %
BGR	7 071	7 517	94.07 %	60 950	60 654	100.49 %
CYP	4 248	11 021	38.54 %	45 782	47 803	95.77 %
DEU	63 618	71 117	89.46 %	146 086	167 078	87.44 %
DNK	64 348	88 762	72.49 %	228 563	313 333	72.95 %
ESP	364 354	391 602	93.04 %	822 115	886 578	92.73 %
EST	15 149	21 713	69.77 %	46 325	52 641	88.00 %
FIN	16 146	18 290	88.28 %	169 972	182 334	93.22 %
FRA	152 452	178 261	85.52 %	695 496	769 739	90.35 %
GRC	80 693	85 688	94.17 %	468 894	478 398	98.01 %
IRL	60 141	77 568	77.53 %	183 820	210 083	87.50 %
ITA	165 370	173 717	95.20 %	1 020 785	1 071 389	95.28 %
LTU	27 186	73 529	36.97 %	34 389	73 484	46.80 %
LVA	33 797	46 627	72.48 %	51 231	58 759	87.19 %
MLT	7 998	14 965	53.44 %	76 660	95 776	80.04 %
NLD	128 886	166 859	77.24 %	276 357	350 736	78.79 %
WHG	25 573	39 139	65.34 %	75 865	90 583	83.75 %
PRT	86 840	95 077	91,34 %	297 913	315 650	94.38 %
ROM	628	1913	32.83 %	6 185	6 410	96.49 %
SVN	653	728	89.70 %	9 188	9 503	96.69 %
SVE	30 652	43 386	70.65 %	173 440	210 829	82.27 %
UK	201 092	231 106	87.01 %	805 930	909 141	88.65 %
Σ 31/12/2012	1 551 948	1 857 547	83.55 %	5 743 740	6 412 487	89.57 %

Sors Ir-Reġistru tal-Flotta tal-UE – Maniġment tal-Flotta – Reġim Dħul Ħruġ - Statistika, 15.10. 2013.

Anness 3:

Tabella 3.1. Sommarju tal-evoluzzjoni tal-flotta tal-Istati Membri matul l-2012 (minbarra r-reġjuni l-aktar imbiegħda)

	GT			KW					
	N	GT	KW	N	GT	KW	Δ N(%)	Δ GT (%)	Δ KW (%)
	31/12/2011			31/12/2012			Δ 2011-2012		
BEL	86	15 326	49 135	83	15.059	47.554	-3.5 %	-1.7 %	-3.2 %
BGR	2 336	7 373	61 307	2 366	7.061	61.336	1.3 %	-4.2 %	0.0 %
CYP	1 080	4 213	45 329	1 074	4.247	45.664	-0.6 %	0.8 %	0.7 %
DEU	1 580	64 294	148 277	1 550	64.236	147.292	-1.9 %	-0.1 %	-0.7 %
DNK	2 786	64 503	232 469	2 743	65.177	230.131	-1.5 %	1.0 %	-1.0 %
ESP	9 571	373 465	841 788	9 257	362.781	819.429	-3.3 %	-2.9 %	-2.7 %
EST	923	14 281	38 915	1 360	15.157	46.570	47.3 %	6.1 %	19.7 %
FIN	3 332	16 028	171 167	3 241	16.386	170.681	-2.7 %	2.2 %	-0.3 %
FRA	4 640	153 998	701 022	4 571	151.972	694.670	-1.5 %	-1.3 %	-0.9 %
GRC	16 658	83 807	483 390	16 006	79.638	461.531	-3.9 %	-5.0 %	-4.5 %
IRL	2 092	59 571	182 307	2 249	65.173	197.648	7.5 %	9.4 %	8.4 %
ITA	13 063	175 393	1 056 757	12 736	164.668	1 019.161	-2.5 %	-6.1 %	-3.6 %
LTU	151	45 216	54 357	147	27.186	34.389	- 2.6%	-39.9 %	-36.7 %
LVA	731	34 725	52 684	715	33.789	51.203	-2.2 %	-2.7 %	-2.8 %
MLT	1 054	7 996	77 489	1 043	7.998	76.660	-1.0 %	0.0 %	-1.1 %
NLD	740	135 585	288 415	848	145.271	331.306	14.6 %	7.1 %	14.9 %
WHG	790	33 379	82 890	798	33.399	81.944	1.0 %	0.1 %	-1.1 %
PRT	7 110	86 826	299 565	7 048	85.992	296.196	-0.9 %	-1.0 %	-1.1 %
ROM	502	934	7 714	195	628	6.153	-61.2 %	-32.8 %	-20.2 %
SVN	184	1 002	10 763	174	623	8.812	-5.4 %	-37.8 %	-18.1 %
SVE	1 368	29 642	170 472	1 392	30.637	173.377	1.8 %	3.4 %	1.7 %
UK	6 453	202 317	810 306	6 427	200.937	806.120	-0.4 %	-0.7 %	-0.5 %
Σ	77 230	1 609 874	5 866 515	76.023	1.578.015	5.807.827	-1.6 %	-2.0 %	-1.0 %

Sors Ir-Reġistru tal-Flotta tal-UE EU – Tiftixa Avvanzata, 15.10. 2013

Annex 4

Tabella 4.1. L-impenji tal-FES f'waqfien permanenti (2007 – 31.05. 2013)

	%S	NS	%R	NR	%(S+R)	S+R
BE	30.3 %	9	0.0 %	0	30.3 %	9
BG	5.2 %	57	0.0 %	0	5.2 %	57
CY	42.3 %	14	0.0 %	0	42.3 %	14
DE	0.0 %	0	0.0 %	0	0.0 %	0
DK	31.9 %	69	0.0 %	0	31.9 %	69
EE	4.1 %	16	6.4 %	10	10.5 %	26
EL	44.0 %	1011	0.0 %	0	44.0 %	1011
ES	21.7 %	755	0.1 %	2	21.8 %	757
FI	0.0 %	0	0.0 %	0	0.0 %	0
FR	23.4 %	534	0.2 %	1	23.6 %	535
IE	80.8 %	46	0.0 %	0	80.8 %	46
IT	50.3 %	958	3.8 %	10	54.1 %	968
LT	9.7 %	32	0.3 %	1	10.0 %	33
LV	41.8 %	149	3.0 %	10	44.9 %	159
MT	35.2 %	20	0.0 %	0	35.2 %	20
NL	22.1 %	23	0.0 %	0	22.1 %	23
PL	3.7 %	73	0.1 %	5	3.9 %	78
PT	10.8 %	68	0.0 %	0	10.8 %	68
RO	0.3 %	5	0.3 %	8	0.7 %	13
SE	22.9 %	30	0.5 %	1	23.4 %	31
SI	10.4 %	10	0.6 %	1	11.0 %	11
UK	7.5 %	97	0.0 %	0	7.5 %	97
TOTAL I TAL- UE	17.6 %	3976	0.5 %	0	18.1 %	3976

Sors: Dejta tal-Istati Membri bbażata fuq talba formali mid-DĠ MARE sabiex tiġi ppreżentata dejta kumulattiva tal-FES għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Lulju 2013.

%S: Perċentwali tal-impenji tal-FES s'issa fl-iskrappjar;

NS: Għadd ta' operazzjonijiet ta' skrappjar (bastimenti);

R%: Perċentwali tal-impenji tal-FES għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti;

NR: Għadd ta' assenjazzjonijiet mill-ġdid (bastimenti);

%S + %R: Perċentwali totali ta' skrappjar + assenjazzjoni mill-ġdid

Anness 5

Impenji tal-FES matul il-perjodu 1/01/2007 - 31/07/2012

Miżura	Għadd ta' operazzjonijiet	Spiża totali	Kontribuzzjoni pubblika nazzjonali	Kontribuzzjoni ta' l-FES	% tal-FES impenjat imqabbel mat-total impenjat mill-Istati Membri	% tal-FES impenjat imqabbel mal-allokkazzjoni Totali tal-FES
1.1: Twaqqif għal kollox ta' l-attivitajiet tas-sajd	3'691	840'586'705	364'754'604	475'112'883	19.61%	11.04%
Azzjoni 1: Skrepjar	3'653	822'180'366	357'863'531	463'597'617	19.13%	10.78%
Azzjoni 2: Assenjament mill-ġdid għall-attivitajiet minbarra s-sajd	38	18'406'340	6'891'074	11'515'266	0.48%	0.27%
1.2: Twaqqif temporanju ta' l-attivitajiet tas-sajd	47'809	303'379'641	118'971'042	184'404'717	7.61%	4.29%
Azzjoni 1: Dejta 1: Għadd ta' sajjieda/ġurnata	41'450	264'640'631	101'271'726	163'365'023	6.74%	3.80%
Azzjoni 1: Dejta 2: Bastimenti konċernati fejn xieraq	6'359	38'739'010	17'699'317	21'039'694	0.87%	0.49%
1.3: Investimenti abbord bastimenti tas-sajd u selettività	2'052	83'147'676	12'234'523	20'304'471	0.84%	0.47%
Azzjoni 5: Titjib ta' l-effiċjenza enerġetika	490	50'508'625	7'403'213	12'447'674	0.51%	0.29%
Azzjoni 6: Titjib tas-selektività	264	7'647'446	1'143'544	1'840'787	0.08%	0.04%
Azzjoni 7: Tibdil tal-magna	523	17'053'672	2'668'272	4'180'453	0.17%	0.10%
Azzjoni 8: Tibdil ta' l-irkaptu	777	7'937'932	1'019'495	1'835'557	0.08%	0.04%
1.4: 1 Sajd kostali fuq skala żgħira	-	-	-	-	0.00%	0.00%
1.5: Kumpens soċjo-ekonomiku għall-ġestjoni tal-flotta	2'709	90'568'443	23'412'874	40'487'961	1.67%	0.94%
Dejta 3: Għadd totali ta' sajjieda milquta mill-irtirar kmieni mis-settur tas-sajd	2'709	90'568'443	23'412'874	40'487'961	1.67%	0.94%

Impenji Totali tal-Istati Membri lill-FES	60'818.00	2'823'214'370.52	762'634'778	1'157'287'915	47.77%	26.90%
---	-----------	------------------	-------------	---------------	--------	--------

Stati Membri neqsin: BE (inkluż sal-1 ta' Ġunju 2012), FR (L-ebda analiżi dettaljata disponibbli)

Allokazzjoni totali tal-FES 4'302'229'775.00. FES Totali impenjat mill-Istati Membri 2'422'797'726.39

Anness 6

Indikaturi użati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF)

L-indikatur tal-ħsad sostenibbli huwa maħsub biex iservi ta' miżura dwar kemm taqsuma ta' flotta tkun tiddependi fuq stokkijiet mistada żżejjed. Din il-miżura ma tqisx il-fatt li xi stokkijiet fit-taħlita ta' qabdiet jistgħu jkunu xi ftit jew wisq sfruttati żżejjed jew fi stat ta' eżawriment, u lanqas tqis il-firxa tal-impatt ta' flotot oħrajn fuq l-isfruttar tar-riżorsi.

F'dan ir-rigward, jintużaw żewġ "Indikaturi tas-sostenibbiltà ekonomika". Ir-Redditi fuq l-Assi Tanġibbli Fissi (ROFTA) (prokura għar-Redditi fuq l-Investment) huwa miżura tas-saħħa ekonomika fit-tul. Din il-miżura tkejjel il-profitt nett diviż mill-valur tal-investimenti kapitali. Jekk din ir-rata tkun ogħla mir-rata ta' interess mingħajr riskju disponibbli band'oħra, allura l-flotta tkun fi stat ekonomiku tajjeb u tkun tista' tissostitwixxi oġġetti kapitali kbar kif dan isir meħtieġ. Jekk ir-ROFTA tkun taħt din ir-rata, dan ifisser li tali investimenti ma jkunux utli f'termini finanzjarji minħabba li jistgħu jinkisbu profitti akbar jekk il-fondi jiġu investiti fi bnadi oħrajn. Ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju ta' referenza użati għal dan l-għan huma murija fit-Tabella 4.3 tar-Rapport tal-Grupp ta' esperti tas-STECF (STECF-13-28).

Il-proporzjon "Dħul Kurrenti/Dħul ta' Pariġġ" (CR/BER) huwa miżura ta' vijabbiltà fuq perjodu ta' żmien qasir. Jekk il-proporzjon ikun ta' inqas minn wiehied, allura l-bastimenti ma jkunux jistgħu jkopru l-ispejjeż operattivi tagħhom u jkollhom jieqfu jistadu meta jispiċċaw bla flus; filwaqt li meta l-proporzjon ikun ta' aktar minn wiehied, il-bastimenti jkunu jistgħu jkopru l-ispejjeż operattivi tagħhom, iżda dan ma jfissirx li huma jiġġeneraw biżżejjed dħul sabiex jissostitwixxu l-oġġetti kapitali kbar.

F'dan ir-rigward, jintużaw żewġ miżuri biex jivvalutaw jekk il-bastimenti humiex qegħdin jiġu "utilizzati għal kollox". "Indikatur Tekniku" huwa definit bħala l-proporzjon taż-żmien medju fuq il-baħar diviż miż-żmien massimu u fattibbli tas-sajd fl-attività rilevanti. Huwa jieħu valur ta' unità meta l-bastimenti kollha jkunu qegħdin jistadu kemm jista' jkun prattikabbli, anki jekk l-istaġun tas-sajd jista' jkun qasir. Valuri ta' inqas minn wiehied jindikaw li partijiet mill-flotta jkunu qegħdin jistadu inqas milli jistgħu. Valur ta' livell limitu ta' 70 % ġeneralment jittieħed bħala sinjal ta' nuqqas sinifikanti fl-użu. Madankollu, xi bastimenti jistgħu ma jkunu qegħdin jistadu xejn matul is-sena kollha u għalhekk ikunu "mhux attivi". Jekk ikun hemm ħafna bastimenti mhux attivi fi flotta tas-sajd, dan ikun indikazzjoni li l-flotta ma tinsabx f'bilanċ mar-riżorsi tagħha.